MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 146/2004

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta’ Mejju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fid-29 ta’ Mejju 1999, hekk kif jidher Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. “KS1”;

Illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti kellhom tifla wahda biss li jisimha Michela u ghadha monorenni;

Illi l-kontendenti huma separati legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt notarili fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 3 ta' Dicembru 2003 Dok. "KS2";

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Mejju 1999 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fil-21 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti ppreffiggiet lill-partijiet tletin (30) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 20 ta' Awissu 2004, a fol. 24 fejn ecepit bir-rispett:

1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fid-disa' u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) huwa null u bla effett skond il-ligi, u dan unikament billi l-kunsens tal-attur ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u kif ukoll billi l-kunsens ta' l-istess attur kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

2. Illi ghaldaqstant l-eccipjenti m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din l-istanza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 25 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 20 ta' Awissu 2004, a fol. 26 tal-process li permezz taghha ddikjarat li ma ntavolat l-ebda kawza quddiem it-Tribunal Ekklessjastiku u lanqas irceviet ebda kawza kontra taghha fl-istess Tribunal Ekklessjastiku.

Rat il-verbal datat 13 ta' Jannar 2005 Dr. Noel Bartolo ghall-attur prezenta affidavit tal-attur b'kopja lill-kontroparti. Il-Qorti ikkonfermat id-digriet taghha tal-affidavits tal-21 ta' Lulju 2004. Id-difensuri ddikjaraw li hlief ghall-affidavits m'ghandhomx provi aktar.

Rat in-nota tal-attur **"A"** datata 13 ta' Jannar 2005, a fol. 28, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota tal-konvenuta **"B"**, datata 24 ta' Frar 2005, a fol. 33, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Mejju 2005, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta’ din il-Qorti.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet datat 19 ta’ Settembru 2005, fejn talbu bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Settembru 2005, fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita minhabba ndispozzijoni tal-Imhallef sedenti.

Rat il-verbal datat 1 ta’ Frar 2006 fejn il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-2 ta’ Frar 2006.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fid-29 ta’ Mejju 1999 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (c), (d) u (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan peress li qed isostni li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat abbazi ta’ l-imsemmija **sub-incizi (a), (d) u (f) tal-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255,** mentri l-kunsens tieghu kien vizzjat ukoll abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** minhabna qerq prattikat mill-parti l-ohra fuqu. Illi l-konvenuta mhux qed tikkontesta din id-dikjarazzjoni ta’ nullita’ pero’ tecceppixxi li l-istess zwieg sehh biss minhabba l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat abbazi ta’ **l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi jidher li ghalhekk ma hemm l-ebda opposizzjoni ghan-nullita` taz-zwieg u dan peress li bhala tali ma saritx oppozizzjoni ghad-dikjarazzjoni ta’ annullament ta’ dan iz-zwieg *da parte* tal-konvenuta, izda xorta din il-Qorti ghandha tezamina jekk it-talba attrici hijiex legalment fondata, u dan ghaliex l-istatut taz-zwieg huwa l-bazi li fuqu hija mibnija s-socjeta’ nostrali u hija ta’ kwistjoni ta’ ordni u ta’ interess pubbliku. Il-presunzjoni hija wkoll favur il-validita` taz-zwieg.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a), (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1***)* *“B’zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)****“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’”;*

***(c)****“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”;*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’diffett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.”*

Illi kif inghad taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jinghad li z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb ta’ xi parti ghaz-zwieg ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim'Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), gie affermat li *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn**,* u **Brown R.** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A.

(F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D.) – 16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi l-attur jibbbaza l-azzjoni tieghu wkoll fuq id-dispozizzjonijiet tal**-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jipprovdu ghall dikjarazzjoni ta' nullita' jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-***Canone 1098* tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta'

ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi direttament fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat

b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** fit-trattat **'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u diversi sentenzi ohrajn u tirreferi u taddota ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding*

*oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) u cioe`:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossubilita' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef"** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mall-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu***

***19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the*

*true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary". ** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero` fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Mejju 1999, izda kienu gja separati legalment fit-3 ta' Dicembru 2003. Jirrizulta mill-kumpless ta' provi prodotti li l-partijiet qabel iz-zwieg kienu ilhom johorgu flimkien biss ghal sentejn u kellhom diversi tilwim bejniethm tant li seba' (7) xhur qabel iz-zwieg taghhom kien anke hassru. Jidher li it-tnejn kellhom xoghol taghhom u wkoll l-post

taghhom, izda ftit jew xejn kienu jikkomunikaw flimkien tant li jammettu tnejn li spiss u konstanti kien id-dizgwid bejniethom.

Illi minkejja dan baqaw ghaddejjin fir-relazzjoni taghhom, izda l-attur jammetti li iktar ma' beda' joqrob iz-zmien ghat-tieg iktar kellu dubji kbar fuq ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, izda hass li kellu zmien bizzejjed biex jizzewweg, izda verament jammetti li huwa hass li ma' kellux xelta ohra peress li *"ir-raguni vera ghala jien kont bqajt ghaddej biz-zwieg hija fil-verita' ghaliex tlett xhur qabel it-tieg "B" inqabbdet tqila u jien mhux bniedem li nahrab mir-responsabilitajiet tieghi u <u>ghalhekk kelli nizzewweg</u>".*

Illi fil-fatt jidher li dan kien konfermat mill-fatt li minkejja li t-twelid tat-tarbija fiz-zwieg u r-relazzjoni bejn il-partijiet qatt ma' kienet felici u l-partijiet kellhom diversi problemi li ma kienux lesti jew disposti li jsolvu flimkien tant li wara biss sena, jew sena u nofs, l-attur jghid li kien spicca kollox bejniethom, ghalkemm kien biss wara erba' snin li huma sseparaw legalment b'kuntratt tat-3 ta' Dicembru 2003. L-attur jghid u jammetti li huwa qatt ma' kkometta ruhu verament ghaz-zwieg, u fis-sewwa jinghad li lanqas il-konvenuta ma' kienet impenjata ghall-hajja mizzewga mieghu u l-enfasi dejjem kienet fuq il-fatt li kieku mhux ghat-tqala tal-konvenut l-istess zwieg bejn din il-koppja ma kienx issir.

Illi min-naha tax-xhieda tal-konvenuta jidher li min-naha taghha wkoll hija resqet ghal dan iz-zwieg peress li kienet inqabdet tqila mir-relazzjoni intima li hija kellha ma' l-attur, tant li tghid li anke waqt l-gherusija kienet hadhet id-decizjoni *"li nwaqqaf ir-relazzjoni tieghi ma' "A" ghax kien jidher car li ma konniex maqtughin ghal xulxin".*

Illi fil-fatt hija tirrakonta diversi incidenti bejniethom li fl-opinjoni tal-Qorti tikkonferma l-immaturita' gravi ta' l-istess partijiet minkejja l-eta' taghhom, izda jispikka fuq kollox il-fatt li iz-zwieg, anke skond il-konvenuta sar peress li hija inqabdet tqila tant li hija tghid li *"mbaghad kont inqbadt tqila bit-tifla u deherli, kontra qalbi u certament kontra*

*qalbu, li ma kienx hemm triq ohra hlief li nizzewgu ghall-gid tat-tifla".*

Illi l-istess konvenuta taqbel ma' l-attur li r-relazzjoni taghhom flimkien kienet karetterizzata minn disgwid kontinwu u in verita' hija takkuza lill-attur li uza vjolenza fuqhha kemm fizika u kemm morali u jidher li l-esperjenza taghha mieghu kienet ukoll trawmatika tant li kienet thoss li kienet qed tigi kostretta minnu u sforzata sabiex ikollha relazzjoni mieghu intimi, haga li hija assulutament ma' riedet li taghmel bl-ebda mod tant li tistqarr li *"kont noqghodlu, u malli jlesti kont immur fil-kamra tal-banju biex ninhasel ghax ma kontx niflah il-fatt li kien imissni. Hafna drabi kont nirrimetti wkoll".* Tallega wkoll li l-attur ikkometta adulterju fil-konfront taghha, liema allegazzjoni ma gietx lanqas kontradetta mill-attur ghalkemm huwa kellu kopja ta' l-affidavit. L-attur jghid biss li wara li sseparaw kellu relazzjoni ma' mara ohra, izda fuq din l-allegazzjoni ma' qal xejn, qisha ma' hija xejn. Il-konvenuta jidher car li riedet tohrog minn din il-hajja, minhabba li jidher car li kienet qed isofri sew, u hawn il-Qorti tirreferi ghall-incident deskritt minnha ta' Frar 2003 fejn l-istess attur kien anke vjolenti ma' bintu u minn hemm skond hija bdiet it-triq tas-separazzjoni.

Illi fi-verita` pero` jidher car li l-partijiet bl-ebda mod ma kienu ppreparati ghal dan iz-zwieg. Izzewwgu biss ghaliex l-konvenuta inqabdet tqila, bla ebda forma ta' impenn ghall-hajja mizzewga u l-osservazzjoni ta' l-elementi essenzjali taghha. Il-partijiet fil-fatt jidher car li kienu konxji tal-fatt li kienu wisq differenti minn xulxin u lanqas biss riedu jibqaw jiffrekwentaw lil xulxin, tant li kienu lesti li jhassru kull relazzjoni li kellhom, izda ghaliex kienu xorta wahda jkollhom relazzjonijiet intimi, l-konvenuta inqabet tqila u kien biss minhabba din it-tqala li z-zwieg sehh. Sehh ghaliex l-partijiet hassew li ma' kellhom l-ebda xelta ohra, haga li mhux minnu; izda certament din ma hijiex id-diskrezzjoni necessarja sabiex wiehed jaghraf u jaccetta li jsegwi l-elementi essenzjali taz-zwieg; anzi jidher li l-partijiet hassew li ma kienux liberi li jaghmlu ghazla ohra u dan kollu jivvizzja l-kunsens taghhom abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi dan kollu kien il-bazi ghaliex ir-relazzjoni bejniethom ma’ rnexxietx u lanqas setghet tirnexxi ghaliex la’ imhabba u lanqas impenn ma’ kien hemm ghall-hajja mizzewga flimkien u l-ebda parti ma’ kienet lesta li taccetta volontarjament l-elementi essenzjali taz-zwieg izzewgu ta’ bilfors u jidher li l-attur anke abbuza minn din is-sitwazzjoni b’dannu ghall-konvenuta.

Illi fil-kumpless ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta’ dak hawn deciz.

## III.  KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fid-29 ta’ Mejju 1999 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi u dan *stante* li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------